**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 2.05.10: Il-ĦAMES ĦADD TAL-GĦID.**
Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawr.
**IT-TNEJN, 3.05.10:** Festa ta' San Filippu u San Ġakbu Appostli.
Illum huwa l-Ewwel Tnejn tax-xahar
**Fis-6.00p.m**. Ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**IT-TLIETA, 4.05.10: Fis-7.30p.m.** Issir il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla.
Tkun fid-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, 6.05.10:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar.
**Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fil-10.00a.m. LAQGĦA GĦAT-TFAL TAL-EWWEL TQARBINA**
It-tfal li din is-sena se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina llum se jkollhom laqgħa biex issir il-prova ta' l-ewwel qrara. Għalhekk fil-10.00a.m. Iridu jkunu **fid-Dar Parokkjali.**
**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti biex ifakkru l-ordinazzjoni tagħhom u t-twaqqif tal-Ewkaristija
**IL-ĠIMGĦA, 7.05.10:** L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00 sal-11.00a.m. U mis-2.30p.m. 'l quddiem.
Nistieden lil kulħadd biex isib ħin biex jagħmel vista lil Ġesu Sagramentat.
Illum fil-quddiesa ta' fil-għaxija issir it-Tifkira ta' San Ġorġ Preca.
**Fit-8.00p.m.** Fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria, se ssir quddiesa għall-gradwati u membri tal-professjonijiet kollha. Qabel il-quddiesa ikun hemm il-qrar.

**IS-SIBT, 8.05.10: Fil-10.30a.m.** quddiesa li fiha ssir it-Tifkira tal-Madonna ta' Pompej. F'din l-okkażjoni jsir t-tberik tal-Fjuri u tal-Kuruni.
**Pellegrinaġġ għal fuq il-qabar ta' San Gorg Preca.**
Illum se jsir pellegrinaġġ djoċesan flimkien mal-membri tal-Museum għal fuq il-qabar ta' San Ġorġ Preca li se jkun mmexxi mill-Isqof Mario Grech. Tluq mal-vapur tal-4.30p.m. u lura mal-vapur tad-9.20p.m. Ikun hemm qudidesa. Il-biljetti mid-Djar tal-Museum.
**IL-ĦADD, 9.05.10: IS-SITT ĦADD TAL-GĦID.**

## JUM L-OMM

Il-Ġabra li ssir illum hija għall-Papa biex ikun jista' jgħin lill-pajjiżi foqra jew milquta minn xi diżgrazzja.
**Fil-10.00a.m.** Se jkun hemm quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm organizzata mill-Uffiċċju għall-Anzjani Trasport mill-Pjazza tal-Knisja fid-9.00a.m.

**Persuni Separati**
Il-Kummissjoni Djoċesana Familja se tagħmel laqgħa għal persuni separati. Se tkun f'Dar Manresa, nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju fit-8.00p.m.
**F'relazzjoni barra miż-żwieġ**
Imbagħad il-Ġimgħa 21 ta' Mejju, se ssir laqgħa għal-persuni li jinsabu f'relazzjoni barra miż-żwieġ. Din tkun ukoll f'Manresa House u tibda fit-8.00p.m.

**TFAL / ĠENITURI / PARRINI TAL-GRIŻMA**
Bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma se ssir laqgħa ma' l-Isqof Mario Grech nhar it-**TNEJN, 10 ta' MEJJU** : ikunu hekk: Għat-TFAL l-laqgħa tkun fil-5.00p.m. fid-Dar Parrokkjali. Għall-Ġenituri u l-Parrini se tkun fis-5.45p.m. fid-Dar Parrokkjali wkoll.